MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 957/2010

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Aloysia Debono (K.I. 355089M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundanata thallas l-ammont t’ erba’ mija u hames ewro u sebgha u erbghin centezmu liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 438965 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li fit-3 ta’ Dicembru, 2010 l-intimata pprezentat risposta fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-noti pprezentati mill-kovenuta rispettivament datati 26 ta' Marzu 2012, u 12 t’April 2012. Illi fin-nota tas-26 ta’ Marzu l-konvenuta ammettiet it-talbiet kontriha u li ghandhom jigu zbankati l-flus maqbudin in vista tal-kawza a favur is-socjeta attrici.

Ra il-verbal datat 30 ta’ Marzu 2012 fejn thalliet ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont t’ erba’ mija u hames ewro u sebgha u erbghin centezmu u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------